# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**MEJJU u GUNJU 1936]** **IS-SITT SENA** **[Ghadd 63 u 64**

## IL-MALTI FIL-MATRIKOLA

Mindu twaqqfet il-Għaqda tal-Malti bejn l-istudenti ta' l-Università, il-ħsieb ewlieni tagħna kien li nerfgħu l-Isien Malti mit-trab tal-art u naqbżu għall-jeddijiet tiegħu. Aktar tqawwa fina dan il-ħsieb meta l-Malti beda jirtefa' u jogħla u jidħol fi skejjel, eżamijiet u Qorti. Għax għal din il-ħajja ġdida l-Malti ried jilbes libsa li tixraqlu, ried kotba u programmi ta' tagħlim, ried ħsieb, għaqal u ħedma bħalma trid kull ħaġa ġdida li tidħol fid-drawwiet ta' ħajja qadima. U aħna ħdimna kemm flaħna u għamilna kull ma stajna biex it-tagħlim tal-Malti narawh miexi bħat-tagħlim ta' ilsna oħra. Dmir tagħna nfaħħru d-Direttur tal-Iskejjel li b'għaqal u b'ħeġġa kbira qiegħed jaħdem u jħabrek biex imexxi t-tagħlim tal-Malti fi triq tajba, bla ma jaqta' qalbu mill-ebda tfixkil, bla ma jieqaf qabel ma jwassal il-Malti f'tarf it-triq tat-tagħlim.

Iżda barra mill-iskejjel tal-Gvern il-Malti għad ma għandux il-libsa li tixraqlu; għadu bħal raġel liebes ta' fqajjar imma li jaħtieġlu jidħol qalb nies għolja. Daħal il-Malti fil-Matrikola, daħal fil-Qorti, daħal fil-Kuntratti, iżda liema thejjija saret biex il-Malti jkun imdaħħal b'libsa xierqa? Tkellimna fuq dan għaxar xhur ilu (Għadd 53-54) meta xebbaħna l-Malti ma' ħaġra li, għalkemm lixxa minn kull naħa u mqiegħda fuq wiċċ lixx ukoll, madankollu għadha mhix flokha, għadha titħarrek u tiċċaqlaq minħabba xi żrara li għandha taħtha.

Irridu llum intennu dak li għidna fuq il-Matrikola biss. L-istatut il-gdid tal-Università, maħruġ fis-6 ta' Marzu 1935, igħid li biex wieħed igħaddi mill-Matrikola għandu jagħmel eżami tal-"Ortografija tal-Malti." L-ewwelnett nistqarru li ma

nifhmux il-għala l-eżami tal-Malti fil-Matrikola għandu jkun Ortografija biss. It-tieni, l-Ortografija tista' tkun tijorètika, jew tagħrif ir-regoli, u práttika, jew applikazzjoni tar-regoli. Iżda l-programm tal-Malti fil-Matrikola jitlob l-ortografija prattika biss jiġifieri Dettatura, bla ebda tagħrif tijorètiku tar-regoli. Ħalli naraw jekk dan il-programm jimxix fit-triq tal-istudju.

Eżami ta' Dettatura jwaqqa' l-ġieh tal-Matrikola. Tqila kemm hi tqila l-ortografija tal-Malti, eżami ta' dettatura llum jafu jagħmluh tfal żgħar ta' tmien snin. Żgħażagħ ta' sittax u tmintax il-sena għandhom ikunu jafu xi ħaġa aktar. U għalhekk il-programmi tal-Franċiż, tat-Tedesk u tal-Grieg fil-Matrikola huma wisq ogħla minn daqsxejn ta' dettatura. Terġa' t-tagħlim tal-Malti fil-Liċeo, u l-eżamijiet taċ-Ċivil u ta' impjegijiet oħra tal-Gvern fihom, barra minn dettatura, traduzzjoni, grammatka u komponiment. Mela l-eżami tal-Malti fil-Matrikola, sakemm jibqa' bid-dettatura biss, ikun qiegħed iwaqqa' l-ġieh tal-Matrikola.

Eżami ta' Dettatura jwaqqa' l-ġieh tal-Malti. Jafha kullħadd li l-Malti għad baqâlu min ma jħobbux. Misserijiet li jagħwu 'l uliedhom kontra l-Malti, u studenti li jħarsu ikrah lejn kull żjieda ta' tagħlim (dan nafuh għax darba konna studenti aħna wkoll!) li jkollhom jitqanngħu biha fuq qalbhom. Żid ma' dil-bruda u mibegħda eżami ħafif, u x'jiġri? L-eżami tal-Malti jaqa' għad-daħk. U għalhekk tisma' min igħid: "Mill-Malti tgħaddi żgur! Tħabbatx rasek bil-Malti! Dettatura biss!" U dan lilna jolqotna fil-laħam il-ħajj, daqs it-tagħjir tal-eqqel għedewwa, għax iwaqqa' l-ġieh tal-Malti li aħna ilna nitħabtu biex nerfgħu.

Eżami ta' Dettatura ma jiswa għal xejn. Student li jgħaddi mill-Matrikola aktarx li ma jdumx ma jinsa dak il-ftit Malti li jkun tgħallem biex ħeles minn daqsxejn ta' dettatura, u meta, mbagħad, wara snin, ikun laħaq Avukat, Nutar, jew Prokuratur Legali jibqa' jiftakar xi ftit anqas mix-xejn. U madankollu l-professjoni tagħhom il-lum titlob li jkunu jafu jiktbu bil-Malti, xejn, xejn, mhux anqas mit-Taljan. Tassew li jekk l-eżami tal-Malti fil-Matrikola jogħla kif jixraqlu u kemm imissu, l-istudent meta jasal għall-professjoni jerġa' jsib rasu battala mill-Malti kollu li jkun tgħallem, imma għallinqas ikollu l-pedament għal

tagħlim ieħor letterarju aktar għoli li aħna nixtiequ ndaħħlu fl-Università ma' tul il-Kors tal-Letteratura.

Il-fehma tagħna hija din. L-eżami tal-Malti fil-Matrikola jsir fuq dan il-programm:

a) Komponiment;
b) Traduzzjoni mill-Ingliż;
c) Grammatka;
d) Parafrasi ta' poeżija u tifsir ta' sentenzi.

Id-dettatura titneħħa għal kollox.

Nitolbu lil min hu fis-setgħa jiżen bir-reqqa l-fehma tagħna. Iżda qatgħa kbira ta' żgħażagħ u misserijiet nisimgħuhom igergru u jitbaqbqu għalina: "Mhux biżżejjed li aħna mgħobbijin bl-istudju, tridu żżidu tgħarrquna bil-Malti? Kemm jiflaħ jerfa' dan l-imsejken ta' student?" Mhux aħna li rridu ngħabbu l-istudenti biex infixklulhom id-dħul fl-Università. Fuqna hemm il-liġi. Aħna b'rajna niftħu beraħ il-bieb tal-Università biex jidħlu l-istudenti kollha li jersqu għall-Matrikola. Aħna ngħinu rridu u mhux infixklu u għalhekk xejn ma tkellemna fuq il-wisa' li jagħti l-Istatut lill-istudenti biex jistgħu jagħmlu l-eżami tal-Malti jew sena qabel, jew ma' tul l-ewwel tliet snin tal-Kors fl-Università. Din hija għajnuna kbira għall-istudenti, għax tnaqqsilhom biċċa mit-tagħbija tal-eżamijiet, u kontra tagħha ma għidna xejn.

Għalhekk aħna u la rridu ngħabbu l-istudentii ż-żejjed, u la rridu nfixkluhom, u la rridu nagħalqulhom il-bieb tal-Università; le, xejn minn dan kollu. Aħna rridu biss li l-Malti fil-Matrikola jkun fil-għoli li hu xieraq. Jew sewwa jew xejn. Jekk il-Malti ma jistâx jogħla, ma kienx imissu daħal fil-Matrikola. Intennu dak li għidna darb'oħra: *What's worth being done, is worth being done well.*